**Kumpilazzjoni numru: 1024/2004**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 8 ta' Novembru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Joseph Degabriele,**
**Raymond Borg, u**
**Ryan Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru 2006 - migjuba kontra:

Joseph Degabriele, ta' 47 sena, bin John Mary u Carmela nee' Zammit, imwieled Pieta', fis-27 ta' Marzu 1957, u residenti fi: 'Aristotle', Triq Cejlu Tonna, Mosta u detentur tal-karta tal-identita numru: 280957M, u

Raymond Borg, ta' 36 sena, bin Philip u Carmen nee' Sammut, imwieled Pieta' fil-05 ta' Awwissu, 1968, u residenti fi: 92, Triq De Rohan, Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita numru: 330668M, u

Ryan Cilia, ta' 21 sena, bin Paul u Carmen nee' Fenech, imwieled Pieta' fid-09 ta' Dicembru, 1982, u residenti fi: 30, Flat 2, Triq Ponsomby, Gzira, u detentur tal-karta tal-identita numru: 24483M:

Akkuzati talli, fit-02 ta' Mejju 2002 u fiz-zmien ta' qabel, fir-residenza ta' Ryan Cilia, u cioe' fil-Gzira, u fil-fond bl-isem ta' *V & F Supermarket,* Triq Dingli, Sliema, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Xjentement qieghedu fic-cirkolazzjoni, bieghu u zammew ghall-bejgh, jew impurtaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe' *sigaretti* tal-marka *Rothmans Blue KSFT* u dan bi ksur ta' artikolu 298(1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor ipproducew jew ikkopjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex iqassmu xi artiklu jew xi haga ohra u cioe' *sigaretti* tal-marka *Rothmans Blue KSFT* bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra, u cioe' l-*Pall Mall Ltd of UK* u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta *BCGL Advocates* rappresentata minn Dr Andrew Borg Cardona LL.D. *et* hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-istess zmien, iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' il-*boll tas-SISA/dazju fuq il-pakkett tas-sigarretti,* u dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U xjentement ghamlu uzu minn dawn id-dokumenti u dan bi ksur tal-Artikolu 169 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u *cioe' boll tas-SISA/Dazju* li jappartjenu lil Gvern ta' Malta, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti,

illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kif ukoll talli ghamlu xjentement uzu mill-istess att, kitba, jew skrittura falza, dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana; tal-Kummissarju tal-VAT u tad-Direttur Generali ghad-Divizjoni tal-Kummerc;

   Akkuzati talli, fit-02 ta' Mejju 2002 wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fil-hanut li jgib l-isem *V & F Supermarket,* fi Triq Dingli, Sliema tal-imsemmija Joseph DeGabriele u Raymond Borg, u wkoll fil-lok: 30, Flat 2, Triq Ponsomby, Gzira, residenza tal-imsemmi Ryan Cilia, nstab, li, f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement, kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew kif ukoll espona ghall-bejgh sigaretti bla dazju, liema sigaretti kienu counterfeit u bil-faxxa tad-dazju tas-sisa (banderole) falsifikata, u dan fi kwantita' kif jidher hawn taht:

   263 pakketti b'ghoxrin sigarett kull pakkett – *Rothmans Blue* (b'replika ta' 67 cents 1 mils *Government Excise Stamp)*

| *Valur* | *Dazju ta-SISA* | *V.A.T.* | *Taxxa Imposta* |
|---|---|---|---|
| *Lm65.75,0* | *Lm190.15,0* | *Lm42.84,0* | *Lm29.72,0* |

8. Lil Joseph DeGabriele u Raymond Borg biss:

   Talli wkoll fl-istess perjodu ta' zmien, post u cirkostanzi, xjentement, kellhom x'jaqsmu filli b'xi mod iddisponew kontra l-ligi minn sigaretti ta' din ix-xorta, fi kwantita' kif jidher hawn taht, u dan bil-hsieb illi bil-qerq seta' jinharab milli jithallas id-dazju, u/jew xi xorta ta' taxxa ohra dovuta fuq dawn is-sigaretti, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

   30 kartuna b'200 sigarett tal-marka *Rothmans Blue*

| *Valur* | *Dazju tas-SISA* | *V.A.T.* | *Taxxa Imposta* |
|---|---|---|---|
| *Lm75* | *Lm216.90* | *Lm49.50* | *Lm33.90* |

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' Lm140.05, u wkoll taxxa imposta (levy) u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) li jammontaw ghal Lm63.62 u Lm 92.34 rispettivament.

Dan bi ksur tal-Artikli 60 (a) (b) (c) (k); l-Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-proviso tal-Artiklu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37; u l-Artikli 16 (j) u 17 tal-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta, u wkoll, bi ksur tal-artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1998) u Kap 336 tal-Ligijiet ta' Malta; u bi ksur tal-Artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u 7(1), u 12(1) tal-Att XXXI tal-1989 dwar Promozzjoni tal-Prodott Lokali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tinfligi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u li l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. Fiz-zmien in kwistjoni, l-Ufficjal Investigatur l-Ispettur Bernard Zarb kien stazzjonat l-Economic Crimes Unit tal-Korp tal-Pulizija, u kien qed jinvestiga kazijiet ta' sigaretti Rothmans li kienu allegatament foloz.

2. L-Ispettur Zarb gie maghrraf b'mod konfidenzjali li minn V&F Supermarket f'Tas-Sliema, kien qed jinbieghu sigaretti Rothmans allegatament foloz, li pero kellhom il-boll allegatament kkupjat u kienu qed jinbieghu bhala originali.
3. L-Ispettur Zarb, flimkien mal-Pulizija tieghu, mar jaghmel spezzjoni f'dan is-supermarket li skond hu jghajjat lis-socjeta Dorka Ltd., u meta mar staqsa biex ikellem lil xi wiehed mid-diretturi, u mar ikellmu l-imputat Joseph Degabriele.
4. L-Ispettur, minghajr ma tah is-solita twissija, staqsieh ghac-cwievet tas-cigarette vending machine.
5. L-imputat Degabriele wiegbu li ma kellux ic-cwievet u li dawn kienu fil-kustodja ta' terza socjeta li kellha l-ufficju il-Belt Valletta.
6. L-Ispettur ghamel tfittxija taht il-counter tal-istabbiliment u ma sab xejn. L-Ispettur xehed li meta kien fis-supermarket ra lill-imputat Ryan Cilia jaghmel xoghol ta' shop assistant, cioe jimla l-ixkafef bl-oggetti ghal bejgh. Ghalhekk il-Pulizija telqu l-ufficju tal-Belt biex igibu c-cavetta.
7. L-Ispettur Zarb xehed li Lino Attard, id-direttur tat-terza socjeta qallu li ma kellux ic-cavetta, izda id-diretturi tas-supermarket kellhom ic-cavetta. Ghalhekk rega' mar is-supermarket.
8. L-Ispettur Zarb xehed li hu rrinfacca lill-imputat Degabriele u qallu li kien dahak bih, u minghajr ma tah is-solitu twissija, rega' staqsieh ghac-cavetta, u l-imputat Degabriele fetahlu il-kaxxa tas-sigaretti u kienet vojta.
9. Dak il-hin dahal l-imputat Ryan Cilia fis-supermarket, u l-Ispettur Zarb, minghajr ma tah is-solita twissija, mar fuqu u staqsieh jekk kienx garr xi sigaretti. L-imputat Cilia qallu li kien hadhom id-dar tieghu il-Gzira, u fil-fatt il-Pulizija marru d-dar tieghu u sabu 262 pakketti Rothmans blu u cavetta ghal Rothmans cigarette vending machine.
10. L-Ispettur Zarb xehed li fil-mori tal-investigazzjoni irrizultalu li Raymond Borg kien ukoll direttur tas-socjeta li tiggestixxi s-supermarket u li kien xtara is-sigaretti allegatament falsifikati minghand certa Rita Spiteri, li kienu ittiehdu wkoll proceduri kriminali fil-konfront taghha.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Qabel tikkunsidra l-kaz fil-meritu, il-Qorti trid bil-fors tikkunsidra xi kwistjonijiet preliminari sollevati mid-difiza fit-trattazzjoni finali.

*L-Ewwel Kwistjoni - L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputati u ta' dak kollu li qalu lill-Pulizija qabel l-Interrogatorju*

Din il-Qorti hija obbligata li tikkonsidra li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Inoltre, din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tiskarta dak kollu li l-imputati qalu lill-Ispettur Zarb qabel l-interrogatorju – meta ghalkemm f'mohh l-ispettur huma kienu suspettati li kkommettew reat, ghax hekk kellu informazzjoni kunfidenzjali li ghamlu – hu mhux biss ma tahomx id-dritt li jikkonsultaw ma avukat, izda lanqas tahom is-solitu twissija li ghandhom id-dritt li jibqghu siekta u li ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija, sabiex ikunu jistghu jezercitaw id-dritt fundamentali taghhom li jibqghu siekta.

*L-Ammissibilita' tar-Rapport tal-Espert Martin Bajada*

Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2010, din il-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, hatret lil Martin Bajada bhala espert sabiex jaghmel analizi tas-sigaretti esebiti fis-seduta ta' qabel u jara mhux biss l-estetika imma wkoll it-tabakk u wkoll janalizza id-duty sticker fuq il-pakketti.

Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2012, xehed Dottor Martin Bajada u qal li kien gie mitlub jezebixxi vera kopja tar-rapport tieghu li ghamel bhala espert fil-proceduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rita Spiteri**, kif fil-fatt ghamel.

Frankament, din il-Qorti hija perplessa kif espert li gie nominat biex jezamina s-sigaretti ezebiti fil-proceduri odjerni, jitla' jixhed u jghid li gie mitlub – presubilment mill-Prosekuzzjoni – sabiex jezebixxi rapport li ghamel fuq sigaretti ohra ezebiti fi proceduri

kriminali ohra kontra terza persuna, u s-sigaretti li huma l-meritu tal-kawza odjerna ma gewx ezaminati.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghid li r-rapport tal-espert Dottor Martin Bajada huwa ghal kollox irrellevanti ghal fini tal-proceduri odjerni, u ghalhekk se tiskartah.

*Il-Meritu*

La darba dak kollu li qalu l-imputati kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogatorju irid jigi skartati, u ladarba ir-rapport ta' Dottor Martin Bajada qed jigi skartat ukoll, kull ma jifdal bhala provi prodotti mill-Prosekuzzjoni huwa l-fatt li l-Pulizija sabu fir-residenza tal-imputat Ryan Cilia, 262 pakketti Rothmans blu allegatament foloz.

Ghalhekk certament ma giet prodotta l-ebda prova ammissibbli li torbot lill-imputati Degabriele u Borg ma dawn is-sigaretti.

Rigward l-imputat Cilia, ghalkemm dawn is-sigaretti instabu fir-residenza tieghu, ma hemm l-ebda prova indipendenti li dawn is-sigaretti huma foloz.

Fid-dawl tas-suespost certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ssib lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom, u qed tilliberahom minnhom.

| | |
|---|---|
| **Magistrat** | **Robert Bugeja** |
| | **Deputat Registratur** |